MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2010

Numru. 421/2006

**Il-Pulizija**
**(Assistent Kummissarju Neil Harrison)**

**versus**

**Marco Camilleri**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Marco Camilleri ta’ 23 sena, iben Francis u Josephine nee Massa mwieled tal-Pieta’ fid-29 ta’ Novembru 1983 u residenti fil-fond numru 113 Marija Grazzja, Trqi Dliela, Żabbar u detentur tal-karta tal-identita’ numru 605483 (M)

Akkużat talli f’dawn il-Gżejjer fit-23 t’Awwissu 2003 u matul l-aħħar xhur qabel dina d-data:

a) ittraffika, biegħ, qassam jew offra li jittraffika, jbiegħ jew qassam mediċina psikotropika u ristretta (ecstasy) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolamenti dwar il-kontroll tal-mediċini, Avviż Leglai 22 tal-1985 kif emendati

b) ukolli talli kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta (ecstasy) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolamenti dwar il-kontroll tal-mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati **liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li ma kenitx għall-użu esklussiv tiegħu.**

Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija l-Qorti tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid 6054 tas-sena 1983, ilfedina penali tal-imputat (fol 3), l-ordni tal-Avukat Ġenerali tal-11 ta' Ġunju 2004 (fol 4), l-istqarrija tal-imputat (fol 12- 13), il-ħatra ta' Mario Mifsud bħala analista, folja bir-ritratti (a fol 65) esibita mill-Prosekuzzjoni

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni mill-abbli Prosekutur u mill-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

Fit-23 t'Awwissu 2003 il-Pulizija kienet għamlet tfittxija fil-karozza tal-imputat u nstabet borża simili għal waħda li nstabet qabel fuq il-persuna ta' Daniel Scerri. Il-borża misjuba fuq Daniel Scerri kien fiha 20 pillola ecstasy. Skond il-verżjoni ta' Daniel Scerri, l-imputat kien talab lil Daniel Scerri sabiex iżomm il-pilloli sakemm jitilgħu fuq il-vapur. Daniel Scerri allega wkoll li kien ilu jixtri l-pilloli għal sena minn għand l-imputat.

Fl-istqarrija tiegħu (fol 12-13) l-imputat qal li l-Pulizija kienu sabu 20 pillola ecstasy fuq Daniel Scerri u l-imputat mar jgħid lill-Pulizija li dawk il-pilloli kienu tiegħu, jiġifieri tal-imputat u l-pilloli kien qed iżommhom Daniel Scerri. Il-Pulizija kienu għamlu tfittxija fil-karozz u kien sabu biċċa borża li qabel kien fiha l-ecstasy fiha. Huwa kien talab lil Daniel iżomm il-pilloli għaliex kien hemm ħafna nies minn Ħaż-Żabbar li kienu jafuh. Wara kellu jagħtihomlu lura.

L-imputat qal hekk:

***<u>'Wara kellu jerġa' jagħtihomli lura. Irrid ngħid li jiena dawk xtrajthom bil-prezz ta' Lm4-il waħda u kont ser inbigħhom bil-prezz ta' Lm5-il waħda. Fil-ħin li konna ser inkunu fuq iddgħajsa , Daniel kien ser iżommhom fuqu u jiena nbiegħhom.'</u>***

L-imputat qal li kien ilu jbiegħ madwar xahar. (fol 13).

Xehdu PC 642 Joseph Camilleri, PC 1013 Raymond Debono u PC 451 Aaron Bugeja (fol 33) li qalu li kienu marru fuq Daniel Scerri li malli waslu l-Pulizija rema borża bil-pilloli ecstasy ħdejn saqajh. Il-Pulizija elevaw il-borża u imbagħad sabu borża vojta identika ħdejn il-vettura tal-imputat.

Xehed Daniel Scerri li qal li fit-23 t'Awwissu 2003 kien mal-imputat Marco Camilleri tiela' l-vapur Karwela. L-imputat kien tah il-pilloli biex iżommhomlu. (fol 25). Huwa qal ukoll :

'X'aktarx kont nagħtihomlu wara li nitilgħu.' (fol 26).

Wara mistoqsija mill-Qorti x-xhud qal:

‘Forsi x’ħin nitla’ fuq il-vapur.’

Ix-xhud qal ukoll li huwa kien jieħu ecstasy iżda mhux ħafna.

Xi disat ijiem qabel huwa kien mar party u xtara pillola għall-prezz ta’ Lm5 minn għand l-imputat (fol 29).

Mill-eżami forensiku, skond l-espert maħtur mill-Qorti s-sur amrio Mifsud, jirriżulta li kienu nstabu 20 pillola bil-logo E u li kien fihom is-sustanza 3,4-Methylenedioxymethamphetamine (MDMA) fol 46.

**Xhieda Difiża**

Xehed l-imputat li allega li kien qal ċerta affarijiet waqt l-istqarrija u għalhekk l-istqarrija kien fiha dak il-kontenut. Huwa kien qed jibża’ li jitlef ix-xogħol u l-karozza ta’ missieru. L-imputat qal li li kien ser ibiegħ il-pilloli ecstasy iżda dawn kienu intiżi għalih u għal sieħbu. Huwa nnega li Daniel Scerri kien xtara minn għandu. L-imputat qal:

‘Għax dak konna naqsmu l-flus bejnietna għalija u għalih u nġibu għalija u għalih.’

Wara kompla jgħid li ġieli xtara huwa u ġieli ġab Daniel Scerri.

Huwa qal li xtaq jipproteġi lil Daniel Scerri biex il-balla ma taqax kollha fuq Daniel Scerri.

Meta kien mistoqsi mill-Avukat Difensur: ‘X’inhi r-raġuni li l-pilloli kienu kollha fuq Daniel?’

L-imptutat wieġeb ‘Lanqas naf eżatt għala kienu fuqu.’

Iżda l-imputat ammetta li kienu tiegħu dak in-nhar. U dawn kienu ser jieħdu minnhom hu u Daniel Scerri. Kompla jgħid li huwa dak iż-żmien kien jieħdu ħamsa kull lejl.

Jekk kienu jieħdu ħamsa kull wieħed u għalhekk f'lejl jikkonsmaw 10, l-oħrajn kien ġabhom għax sab il-pilloli bir prezz tajjeb. Kienu żammewhom fuqhom beix ma jħalluhomx fil-karozza ta' missieru.

Fil-kontro-eżami l-Prosekuzzjoni qratlu l-istqarrija li kien għamel l-imputat qal li kein għamel dik l-istqarrija għax kien beża'.

L-imputat reġa' xehed fis-seduta tat-12 ta' Jannar 2010 dwar xi informazzjoni li seta' jagħti lill-Pulizija.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

L-ewwelnett lanqas hemm l-iċken dubju li l-pilloli kienu tal-imputat għax fuq il-pedana tax-xhieda qal li kienu tiegħu dak in-nhar ta' meta kien arrestat.

Li n-numru kien għoxrin m'hemmx dubju wkoll għax huwa ppruvat mill-Pulizija li elevaw il-pilloli kif ukoll forensikament.

Lanqas hemm dubju dwar is-sustanza.

L-imputat qal ukoll li mill-pilloli tiegħu kienu ser jieħdu 5 hu u 5 sieħbu. Isegwi li mill-pilloli tiegħu, l-imputat kien ser jagħti ħamsa li sieħbu. Dan, ukoll jekk jitweemn, bl-ebda mod ma jista' jidħol taħt il-kappa ta' sharing fid-dawl ta' dak li ddeċidiet il-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri fil-każ 'Il-Pulizija v Marco Galea'.

Iżda l-Qorti hija xettika għal kollox dwar kemm dawn kienu intiżi għall-imputat u għal sieħbu biss. Mix-xhieda ta' Daniel Scerri ma rriżultax li dan kien xi wieħed li jieħu ħafna ecstasy. Tant li semma li kien xtara pillola ecstasy minn għand l-imputat xi disat ijiem qabel. Barra minn dan, fuq il-pedana tax-xhieda, l-imputat ma spjegax għala dawn il-pilloli kienu f'idejn sieħbu u mhux f'idejh ġaladarba dawn kienu tal-imputat.

Il-Qorti ma ssibx li l-imputat kien xtara għoxrin f’daqqa għax sabhom bi prezz tajjeb. Il-Qorti setgħet tinduna li l-imputat ried isib skuża għan-numru ta’ pilloli eċċessiv fuqu waqt party.

Il-Qorti mhix tilqa’ s-sottomissjoni tad-difiża li Daniel Scerri ried jiskolpa ruħu biex jibbenefika mill-artikolu 29. L-ewwelnett il-Leġislatur ħoloq dan l-artikolu biex ikun ta’ xprun ħalli jinkixfu l-ismijiet tal-persuni li jfornu d-droga u sakemm l-informazzjoni twassal sabiex jinqabad xi traffikant, allura min ikun wettaq ir-reat jsita’ jibbenefika minn dan la-ritkolu. Iżda ma jistax jingħad li kull min ibbenefika minn dan l-artikolu għamel hekk biex jiskolpa ruħu. L-ewwelnett ħafna drabi min iwassal sabeix jinqabad traffikant, huwa stess jeħel il-piena tar-reat li jkun għamel s’intendi mnaqqas bi grad jew tnejn. Imma dan ma jfissirx li kull ma qal mhux veru.

Filfatt il-Qorti nnutat li Daniel Scerri ma kellux xi ħerqa speċjali sabiex jgħid il-verita’ iżda fl-aħħar fuq il-pedana tax-xhieda ħariġha. Il-Qorti qed toqgħod fuq dak li qal dan ix-xhud quddiemha għax fil-proċess ma ġie prodott ebda proċess li fih Daniel Scedrri kien għamel xi xhieda ġuramentata. Għalhekk setgħet tara l-imġiba ta’ dan ix-xhud kif kienet.

Il-Qorti rat ukoll lill-imputat jgħid li l-istqarrija tiegħu għamilha għax beża’. Il-Qorti ma temminx lill-imputat għaliex wieħed li jkun qed jibża’ ma jagħtix dettalji ta’ kemm inxtraw il-pilloli, kemm kien ser jinbiegħu, li kien tahom lil sieħebu biex iżommhomlu għax kien hemm ħafna nies minn Ħaż-Żabbar li kienu jafuh.

Għalhekk dak li ntqal fl-istqarrija huwa veritjier.

Iżda wkoll jekk il-Qorti toqgħod fuq ix-xhieda li dehru quddiemha fil-Qorti, inkluż l-imputat, il-Qorti għandha provi biżżejjed li l-imputat kien għall-anqas dabra biegħ lil Daniel Scerri u li ‘qasam’ miegħu diversi drabi u mhux darba biss. Oltre dan il-preżenza ta’ 20 pillola waqt party hija indikazzjoni ċarissima li l-imputat kellu intenzjoni li jittrafika. Il-Qorti ma ssibx attendibbli l-iskuża li kienu ser

jieħdu 5 kull wieħed u li l-għaxra l-oħra kienu hemm għax sab jixtrihom bi prezz tajjeb. Jekk kienu ser jieħdu għaxra bejniethom, dawn l-għaxra l-oħra seta' żammhom id-dar.

Għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat ħati kemm tal-ewwel kif ukoll tat-tieni imputazzjoni. Il-Qorti ma tistax tqis li t-tieni imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel waħda għaliex il-bejgħ jirrisali għal data ta' disat ijiem qabel waqt li l-pussess aggravate jirrisali għal data oħra. Iżda qed tapplika l-artikolu 17(b) tal-Kap 9.

Fl-aħħarnett, il-Prosekuzzjoni ma kenitx konvinta li l-imputat innifsu kellu jgawdi mill-artikolu 29 u tat ir-raġunijiet il-għala. Id-difiża kkontestat din il-pożizzjoni.

Il-Qorti, wara li rat ix-xhieda fl-aħħar seduta, qed tiddeċiedi li l-imputat għandu jibbenefika bi grad.

**Konklużjoni**

**Wara li rat l-artikolu 17(b) tal-Kap 9 kif ukoll ir-regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22/1985 u l-artikolu 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i)(ii), 120A(1B) u 120(2B) (li jikkorispondi għall-artikolu 29 tal-Kap 101) tal-Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta issib lill-imputat ħati tal-ewwel u t-tat-tieni imputazzjoni u wara li qieset li l-imputat kellu fedina penali nadifa, li għandu jibbenefika mill-artikolu 29 fi grad, u wara li qieset ukoll li s-sustanza nstabet qabel il-bidu ta' party fuq dgħjsa qed tikkundannah għall-piena ta' priġunerija għal disa' xhur u għall-ħlas ta' multa ta' €1200 liema multa tista' titħallas b'rata ta' 100 Ewro kull erba' ġimgħat bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba' gimgħat mil-lum. Jekk xi pagament ma jitħallasx, il-bilanċ jitħallas f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx, din għandha tinbidel f'jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux.**

**Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 Il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat iħallas l-ispejjeż tal-espert li jammontaw għal €466.60.**

**Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt is-sorveljanza tar-Reġistratur.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------